

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Jannar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof – l-Awstrija) – Maximilian Schrems vs Facebook Ireland Limited**

(Kawża C-498/16)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Regolament (KE) Nru 44/2001 — Artikoli 15 u 16 — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi — Kunċett ta' "konsumatur" — Trasferiment bejn konsumaturi ta' drittijiet li jistgħu jiġi invokati kontra l-istess professjonist)

(2018/C 104/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

**Oberster Gerichtshof**

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Maximilian Schrems

Konvenuta: Facebook Ireland Limited

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi fmaterji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li utent ta' kont Facebook privat ma jitlifx il-kwalità ta' "konsumatur", fis-sens ta' dan l-artikolu, meta jippubblika kotba, jagħti konferenzi, jopera siti internet, jiġbor donazzjonijiet u jaċċetta t-trasferiment tad-drittijiet ta' diversi konsumaturi sabiex jinvokahom quddiem qorti.
- 2) L-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għall-azzjoni ta' konsumatur intiżha sabiex jiġi invokati, fil-qratil tal-post fejn huwa domiċċiljat, mhux biss id-drittijiet tiegħu, iżda wkoll drittijiet ittrasferiti minn konsumaturi oħra domiċċiljati fl-istess Stat Membru, fi Stati Membri oħra jew fi Stati terzi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 441, 28.11.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-TmienAwla) tal-24 ta' Jannar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Presidenza del Consiglio dei Ministri et vs Gianni Pantuso et**

(Kawża Magħquda C-616/16 u C-617/16)<sup>(1)</sup>

Rinviju għal deċiżjoni preliminari — koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiż-lattivi, regolamentari jew amministrattivi dwar attivitajiet ta' tobba — Direttivi 75/363/KEE u 82/76/KEE — Taħriġ għal tobba speċjalisti — Remunerazzjoni xierqa — Applikazzjoni tad-Direttiva 82/76/KEE għat-tħalli mibdi qabel it-terminu stabbilit għall-Istati Membri għat-traspożżjoni tagħha u mitmuma wara din id-data

(2018/C 104/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione